**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 8 ta' Ġunju 2021**

**Rikors numru 66/2019**

**Terracore Limited (C-32227)**

**Vs**

**A.L. Projects Limited (C-12622) ġja Auntie Lucy Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avviż ippreżentat mis-soċjetà attriċi fit-3 ta' April 2019 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lis-soċjetà konvenuta sabiex tħallas is-somma ta' għaxart elef u tmien Ewro punt sitta u disgħin ċenteżmu (€10,008.96) rappreżentanti diversi xogħlijiet/jew servizzi li ġew reżi lilha skont fatturi annessi mal-istess Avviż u ndikati fil-prospett datat 8 ta' Marzu 2018;

Rat li s-soċjetà konvenuta debitament notifikata b'dawn il-proċeduri tramite r-Riċevitur Uffiċjali, baqgħet ma dehritx quddiem din il-Qorti biex tikkontesta l-kawża u lanqas ma ppreżentat ebda risposta;

Rat l-affidavit ta' Alfred Xerri, direttur tas-socjeta` attrici;

Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2021 is-soċjetà konvenuta ngħatat żmien biex tippreżenta nota ta' osservazzjonijiet, liema nota però baqgħet ma ġietx ippreżentata;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat :**

Illi Alfred Xerri, direttur tas-soċjetà attriċi, spjega illi l-istess soċjetà kienet għamlet xogħol fuq inkarigu tas-soċjetà konvenuta, għal-liema xogħlijiet kien għad baqa' bilanċ x'jitħallas. Jispjega li l-aħħar pagament akkont kien sar f'Novembru 2017 wara liema kien hemm inkontri bejn ir-rapprezentanti taż-żewġ soċjetajiet u fejn ir-rappreżentanti tas-soċjetà konvenuta kienu wegħdu li se jħallsu dak dovut. Prova ta' dan huwa esebixxa sensiela ta' dokumenti.

Illi mix-xhieda ta' Alfred Xerri u mid-dokumenti mressqa minnu jirriżulta illi l-ammont mitlub huwa ġustifikat. Min-naħa l-oħra, is-soċjetà konvenuta ma ressqet l-ebda tip ta' prova biex tirribatti dak allegat mis-soċjetà attriċi.

Għaldaqstant il-Qorti tqis li s-soċjetà attrici ppruvat il-pretensjoni tagħha mressqa fil-proċeduri odjerni.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tas-soċjetà attrici Terracore Limited, u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta A.L. Projects Limited ġja Auntie Lucy Limited tħallas lis-socjetà attriċi s-somma ta' għaxart elef u tmien Ewro punt sitta u disgħin ċenteżmu (€10,008.96) bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' kull fattura kif murija f'Dokument TC2 a fol. 18 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kif mitluba kontra s-soċjetà konvenuta.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**